MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 228/2004

**Avviz numru 228/04DM**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited**
**Vs**
**Stephen Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni lis-socjeta' attrici ta' l-ammont ta' elf, disa' mija sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,926.72) imhallas minnha fl-interess tal-konvenut ghas-segwenti ragunijiet;

1. Peress illi l-konvenut kellu l-vettura tieghu bin-numru IAZ-294 assikurata mas-socjeta' attrici;

2. Illi din il-vettura kienet involuta f'incident stradali fl-11 ta' April, 2002, fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar ma' vettura numru BAG 496 misjuqa minn Emanuel Psaila;

3. Illi dan Emanuel Psaila flimkien mas-socjeta' assikuratrici tieghu Gasan Mamo Insurance Limited

ipproceda b'avviz quddiem din l-Onorabbli Qorti ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu per konsegwenza ta' dak l-incident, Avviz Nru. 491/2003 fl-ismijiet 'Gasan Mamo Insurance Limited vs Steven Vella';

4. Illi Steven Vella ma nfurmax lis-socjeta' attrici la bil-fatt illi huwa kellu l-incident stradali, u lanqas bil-fatt illi ttiehdu proceduri gudizzjarji kontra tieghu dwar dak l-incident, izda qabad u ntavola nota illi biha huwa ammetta t-talbiet kollha attrici bil-konsegwenza illi nghatat sentenza fil-konfront tieghu fl-10 ta' Novembru, 2003, fejn huwa gie kkundannat ihallas lill-atturi f'dik il-kawza s-somma ta' elf, hames mija u hamsin lira Maltija u zewg centezmi (Lm1,550.02) oltre l-ispejjez gudizzjarji u l-interessi relattivi;

5. Illi bhala assikuraturi tal-konvenut, is-socjeta' attrici kienet kostretta, fit-termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallas dan l-ammont hija tevita illi jizdiedu aktar l-ispejjez involuti u fil-fatt hallset l-ammont globali ta' elf, disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,926.72) lis-socjeta' Gasan Mamo Insurance Limited;

6. Illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi ksur flagranti tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga favur tieghu u ghalhekk huwa tenut illi jirrifondi lis-socjeta' attrici l-ammont kollu mhallas minnha fl-interess tieghu;

Bl-atturi jitolbu wkoll kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-19 ta' Frar, 2004, mahruga kontra tieghu, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2004, fejn il-konvenut permezz tad-difensur tieghu kkontesta t-talba u ddikjara li se jipprezenta l-eccezzjonijiet formali fi zmien hmistax (15) –il gurnata minn dak il-jum;

Rat illi fl-24 ta' Novembru, 2004, il-konvenut ipprezenta nota ta' ammissjoni fir-Registru ta' din il-Qorti;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata u

ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi fl-avviz qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas il-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elf, disa' mija, sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,926.72).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------